**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa numru 39

**28 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**39.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ippreżentati l-minuti numru 36 u 37 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament.
Ġew ippreżentati l-minuti numru 38 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ser jigu approvati fil-laqgha li imiss, peress li ma kienux lesti.

**39.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**39.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

39.4.1 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-laqgha tal-Kunsill ma saritx fil-gurnata li kienet giet aggornata ghall-fatt li l-ittra tat-tigdid tal-hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kienet ghadha ma gietx approvata.

39.4.2 Is-Sindku informa lil Kunsill li saru l-attivitajiet ta' Jum il-Fontana u 25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill. Fosthom saret wirja tal-pittura fis-sala tal-komunita', quddiesa ta' radd il-hajr fil-knisja parrokjali u wara saret l-inawgurazzjoni mis-Sindku tal-mafkar dwar it-tradizzjoni tal-loghob tan-nar fil-Fontana. Din giet iddedikata lil dawk kollha li matul iz-zminijiet hadmu u zviluppaw l-arti piroteknika fil-Fontana. Il-monument gie imbierek mill-Kappillan u sar ukoll diskors minn ricerkatur. Wara sar tqeghid ta' zewg kuruni mal-istess monument u dak tas-sajjieda. Fost dawk prezenti kien hemm ukoll dinjitarji. Il-programm tkompla b'serata socjo-kulturali fis-sala tal-komunita' bil-partecipazzjoni tal-Cordia String Quartet, kantanta kif ukoll muzicista tal-flawt. It-trofew ta' Gieh il-Fontana gie prezentat mis-Sindku lil oht il-mibki Mons. Guzepp Bajada li tant hadem ghall-parrocca u l-Fontana. Ghal dan l-avveniment attndew is-Sindku, il-

Vici Sindku, kunsilliera Micallef u Farrugia flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

Is-Sindku flimkien mal-kunsillier Micallef attendew ghall-pontifikal tal-festa ta' Sant Indrija.

Saret harga ta' nofs ta' nhar f'Ghawdex fejn zaru il-kappella taz-zejt fl-Gharb fejn kellhom quddiesa. Wara zaru il-Muzew ta' Karmni Grima, kif ukoll l-ITS il-Qala fejn kellna l-ikla ta' Nofsinhar. Attendew 32 persuna fosthom is-Sindku u il-Kunsillier Micallef.

Saret harga socjo-kulturali f'Malta. Zaru knisja minjatura f'Rahal Gdid, li hija replika ta' dik ta' Bormla dedikata lill-Kuncizzjoni. Wara zaru "Natalis Notabiles" fir-Rabat, kif ukoll il-kappella tal-Kuncizzjoni f'Wied Gerzuma fil-kampanja tar-Rabat, kif ukoll wirja tal-ghasafar fin-Naxxar. Attendew 41 persuna, fosthom is-Sindku.

39.4.3 Il-Kunsill gie mgharraf li sar it-tizjin tal-Milied skont kif kien gie maqbul fil-laqgha precedenti.

39.4.4 Is-Sindku informa lil Kunsill li tpoggew f'posthom il-bankijiet quddiem il-knisja Parrokjali u fit-triq John Gaspard le Marchant. Il-Kunsill gie infurmat ukoll li saru l-arbli tal-stainless steel quddiem is-sala tal-komunita' flimkien ma bnadar godda.

39.4.5 Il-Kunsill gie infurmat li waslu 26 fanal dekorattiv u b'sistema' LED ghat-toroq John Gaspard le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi, li kienu gew mghotija b'tender ftit tal-gimghat qabel. Waslu ukoll il-bins li kellhom jigu imhallsa bil-flus tal-premju tal-Wasteserv. Diga' instabu xi postijiet fejn jistghu jitpoggew xi uhud minnhom biex jinbidlu ohra qodma.

39.4.6 Is-Sindku kellu laqgha ma l-Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Progetti fi hdan il-Ministeru ghall-Ghawdex sabiex jigi mghoddi l-informazzjoni f'liema stadju hi l-offerta' sabiex isir l-asfaltar bit-tarmac f'Parti mit-Triq il-Ghajn kif ukoll sabiex jigbor il-pagament ta' aktar minn €134,000 li gie mghoddi mill-Ministeru ghall-Ghawdex lil Kunsill sabiex isir dan ix-xoghol.

39.4.7 Il-Kunsill gie mgharraf li l-bord tal-evalwazzjoni tal-offerta' tal-asfaltar ser jiltaqgha biex jaggudika l-offerta' l-Erbgha li imiss ghall-habta tas-2pm. Is-Sindku informa ukoll lil Kunsill li ma kien hemm l-ebda' kwotazzjonijiet ghat-tiswija tal-pannelli fotovoltajci li hemm fil-playing field. Il-Kunsill innota dan u iddecidew li jibqghu ifittxu u jaraw hemmx xi kumpaniji li huma interessati li jaghmlu ix-xoghol.

39.4.8 Il-bord tal-offerta tal-fanali flimkien mas-Sindku u Deputat Segretarju Ezekuttiv attendew ghas-seduta ta' appell Malta fi hdan id-dipartiment tal-kuntratti u wara xi granet l-iskrivan attenda is-seduta sabiex jigbor is-sentenza tal-bord tal-appelli. Billi is-sentenza kienet li din l-offerta' tigi ikkancellata il-Kunsill qabel li terggha tohrog is-sejha ghall-offerti ta' l-istess fanali b'sistema' accellerata izda wara li id-dokumenti jigu riveduti mill-inginier li kien ghamel ix-xoghol fuq dawn id-dokumenti precedentament, dan ghar-raguni li fid-dokumenti tal-offerta kien hemm anomalija.

39.4.9 Is-Sindku ippropona li ic-CCTV titharrek xi ftit biex tigi tahkem il-monument li sar dan l-ahhar.

39.4.10 Il-Kunsill gie mgharraf li saru it-tabelli fi Triq il-Ghajn li juru li hemm zebra crossing fil-vicin (Triq Kappillan Hili).

39.4.11 Is-Sindku qal li saret survey dwar l-art fejn ser isir il-porfido f'parti minn Trejqet ic-Centru Parrokkjali u wara is-sangristija fi Triq ta' Mulejja, tal-gholi tal-konkoss tat-triq ta' wara il-Knisja.

39.4.12 Is-Sindku qal u il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra bil-miktub lil persuna li ser tiehu ix-xoghol tal-bini tal-hajt tas-sejjieh fil-wied tax-Xlendi.

39.4.13 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li l-Ghajn il-Kbira ghadha bid-dawl ikhal mill-attivita' li saret mill-Kummissjoni Zaghzagh fil-15 ta' Dicembru u hemm bzonn inkellmu lil min kien inkarigat sabiex jerggha jaghmel id-dawl normali.

39.4.14 Is-Sindku qal li il-Kappillan ghandu jigi infurmat li il-faccata tal-knisja ma tikkwalifikax ghall-iskema ta' restawr kif ukoll sabiex jinsisti mal-perit sabiex jaghmel il-method statement ta' l-istatwi. Dan ghar-raguni li il-Kappillan talab li il-Kunsill japplika ghall-iskema ta' restawr li hareg il-Ministeru ghall-Ghawdex ghall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ghamel verifika mal-Ministeru u ir-risposta kienet li xoghol ta' restawr fil-parrocci ma jistax isir.

39.4.15 Il-Kunsill gie mgharraf li saret l-ikla tal-Milied ghall-persuni li jghixu wahedhom u tqassmu 20 ikla.

39.4.16 Hemm bzonn li tintghalab stima ghall-4 pots sbieh tax-xtieli biex jitpoggew magenb il-monumenti tas-sajjieda u tal-loghob tan-nar. Il-materjal tal-pots preferabilment ikun irham jew gebla tal-qawwi. Il-Kunsill gie mgharraf ukoll li gew imhawla 12-il xitla man-nicca tas-Salvatur.

39.4.17 Is-Sindku informa lil Kunsill li gie imqassam lir-residenti il-fuljett tal-Kunsill, Taghrif mill-Kunsill Tieghek li isir dejjem ghaz-zmien tal-Milied. Dan sar ippreparat mis-Sindku u l-iskrivan tal-Kunsill.

39.4.18 Il-Kunsill gie infurmat li saret iz-zjara tal-President ta' Malta u giet mghotija il-fuq minn €600 ghall-Community Chest Fund li gew migbura mir-residenti. €455 mill-komunita' tal-Fontana u €200 minn kumpanija privata.

39.4.19 Is-Sindku informa lil Kunsill li attenda is-seduta tas-Sindki fil-Parlament ta' Malta li saret apposta lis-Sindki u Kunsilliera fl-anniversarju tal-25 mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u fejn setghu jiddiskutu ir-riforma li hija fi stadju ta' konsultazzjoni.

39.4.20 Il-Kunsill iddiskuta il-ktieb li qieghed isir dwar il-Fontana. Il-kunsilliera talbu li jinghataw kopja tieghu qabel ma jintbghat ghall-istampar. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinghata ktieb lil President ta' Malta.

39.4.21 Is-Sindku informa lil Kunsill li il-harga ta' Sqallija ma sehhitx peress li kien hemm xi xogholijiet ohra ta' precedenza fil-kunsill kif ukoll ghall-fatt li zbroffa il-vulkan Etna u ma kienx prudenti li jittiehdu ir-residenti fil-periklu.

## 39.5 Laqgha tal-Komunita'

Il-Kunsill qabel unanimament li il-laqgha tal-komunita' ghandha issir qabel il-laqgha tal-Kunsill fix-xhar ta' Jannar peress li ma setghetx issir f'Dicembru, minhabba l-fatt li ma kienx hemm id-Deputat Segretarju Ezekuttiv fil-kariga. Il-hatra waslet il-Kunsill xi jiem qabel id-data ta' meta suppost saret il-laqgha u ghalhekk ma setghax isir il-process ta' reklamar kif inhu mitlub mil-ligi.

## 39.6 *Financial Quarterly Report* – Lulju - Settembru

Kien hemm qbil unanimu rigward il-*Financial Quarterly Report*.

## 39.7 Hruġ ta' Offerti

Kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar ieħor.

Il-Kunsill qabel li ghandha terggha isir l-offerta' tal-fanali li kien hemm appell fuqha wara li id-dokumenti jigu riveduti mill-enginier inkarigat.

## 39.8 Xoghol iehor li huwa mehtieg fosthom il-Hsara fis-sala tal-komunita'

Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2018 waslu il-fanali tat-toroq Kardinal A. Franchi u John Gaspard le Marchant. Ghal-habta tad-9.30am cempillu l-iskrivan tal-Kunsill fejn infurmani li l-fanali, l-kuntrattur ma jistax idahhalhom mil-bieb tas-sala tal-komunita' ghax ma jghaddux. Ir-risposta tas-Sindku kienet biex il-kuntrattur idahhalhom wiehed, wiehed. L-iskrivan informa lis-Sindku li ser jghinu idahhahom, bir-risposta tas-Sindku kienet biex ma jghinux ghax dak mhux xoghlu u l-kuntrattur ghandu l-haddiema tieghu u ghalhekk ser jithallas mil-kuntrattur li ha l-offerta'.

Ftit wara is-saghtejn ta' wara nofs inhar, is-Sindku ircieva telefonata mil-iskrivan li ser jaghlaq ftit l-ufficcju biex imur sal-klinika peress li l-haddiema l-ohra kienet bil-vacation leave. Meta gie mistoqsi ghalfejn sejjer il-klinika dan informa lis-Sindku li kellu id-demm hiereg min sebghu ta' siequ peress li filghodu waqa' pellet fuq siequ minn fuq il-fork lifter waqt li kien qed isir il-hatt tal-fanali. Is-

Sindku filwaqt li gibidlu l-attenzjoni dwar dak li kien qallu filghodu biex ma jghinx u ma semax minnu staqsa lil l-iskrivan, "Ma nghamlux mod li dan dahal fuq ic-ceramika tas-sala tal-komunita' bil-fork lifter?" u l-iskrivan wiegeb li iva.

Is-Sindku qal li immedjatament mar jara x'gara u sab diversi madum miksur kif ukoll il-grada ta' quddiem il-bieb tas-sala. Minnufih informa lil Mica Med x'gara u qallu biex jibghatilhom ir-ritratti. Peress li ma kienx hemm Segretarju Ezekuttiv dak iz-zmien peress li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ghadu ma geddidtx il-kariga, talab il-parir tal-Avukat tal-Kunsill dwar kif ghandu jipprocedi u dan infurmah biex jitqabbad il-perit jaghmel rapport tal-hsara. Gie mqabbad il-Perit Vella li hu responsabbli mil-bini tac-Centru Civiku. Dan ir-rapport intbghat lil kumpanija Mica Med mill-avukat.

Is-Sindku qal li ma giex infurmat mill-iskrivan li il-kutrattur mhux qed idahhalhom wiehed, wiehed kif qallu biex jaghmel, izda minkejja li kienet qed issir il-hsara dan halla ix-xoghol ghaddej bil-konsegwenza li saret hafna hsara fic-ceramika fis-sala tal-komunita'.

Is-Sindku informa lil-Kunsill li nhar il-Hadd 23 ta' Dicembru fil-11 ta' filghodu gie id-Direttur tal-kumpanija Mica Med biex jara il-hsarat u infurmah li les li isewwi l-hsara u ihallas ukoll l-ispejjez tal-avukat u l-perit u ser jipprova isib zewg kaxxi madum tant li ha sample mieghu minn tal-Kunsill. Is-Sindku qal lil Kunsill li fl-stores instabu 8 madumiet li jistghu jintuzaw.

**39.9 Korrispondenza u Ilmenti**

39.9.1 Ċirkulari numru SPI 13/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ħruġ ta' Permessi għal Depożitu ta' Krejn jew Makkinarju iehor waqt il-bini, kostruzzjoni jew demolizzjoni ta' xi Bini jew Proġett ieħor li jwasslu għall-għeluq ta' Triq jew parti minnha'. Il-KL irid java lil TM 4 t'ijiem qabel. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.2 E-mail mingħand id-Direttur ta' *Eco Gozo* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali bi skema finanzjarja imnedija mill-Ministeru għal Għawdex intiża biex tassisti lill-Kunsilli Għawdxin jimplimentaw proġetti ta' restawr ta' monumenti storiċi jew ta' valur artistiku fil-lokalitajiet tagħhom. L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi sa nofsinhar tal-Ġimgħa 4 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill innota mhux ser japplika ghar-raguni li ma ghandux xoghol ta' restawr peress li tlesta' matul is-snin.

39.9.3 E-mail mingħand rappreżentanta tal-kumpanija *Green MT*, li fiha qed tinforma lill-Kunsill li f'Jum il-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena mhux ser isir ġbir ta' skart. Il-ġbir tal-iskart riċiklabbli ser isir l-għada flimkien mal-ġbir tal-iskart organiku. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lir-residenti b'dan l-arranġament. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.4 E-mail mingħand il-*Gozo Action Group Foundation* b'informazzjoni dwar is-sejħa 'Gozo in 21st Century Media' li ser toħroġ taħt il-programm *Leader* iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Din is-sejħa ser tiftaħ nhar il-Ħamis 3 ta' Jannar u tagħlaq il-Ħamis 31 ta' Jannar 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.5 Ċirkulari numru 150/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Bdil ta' Awguri'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.6 Cirkulari AKL 2018/140 – LESA Seminar – Traffic Management Services – jixtiequ jinfurmawna li is-sitema il-gdida ser tibda tintuza mit-3 ta' Dicembru. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.7 Ċirkulari numru 151/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kunsilli Lokali fuq tqassim tal-boroż tal-iskart organiku minn ġewwa l-Kunsill Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.8 Ċirkulari numru 152/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Bus Shelters'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.9 Ċirkulari numru SPI 14/2018 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Tagħrif dwar in-numru ta' Qtates fit-Toroq (*strays*) u min qed jitmagħhom'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.10 Ċirkulari numru 155/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kummenti AKL – White Paper Swieq fil-beraħ'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.11 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed tinforma lill-Kunsilli Lokali li l-Kap tal-Oppożizzjoni ser ikun qed jistieden lill-

Kunsillieri għall-bdil ta’ awguri nhar is-Sibt 22 ta’ Diċembru bejn l-10am u s-1pm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.12 Komunikazzjoni mill-Uffiċċju tal-President ta’ Malta li fiha ġejna nfurmati li l-E.T. il-President ta’ Malta, ser iżżur il-lokalita’ tal-Fontana nhar il-Ħadd 23 ta’ Diċembru 2018 mil-4pm sal-4.30pm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.13 Ċirkulari numru 156/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Awguri għall-Festi tal-Milied u s-Sena l-Ġdida’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.14 Ċirkulari numru 157/2018 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Group Health Policy Renewal 2019’. Il-Kunsill qabel li għandna nġeddu din il-polza ta’ assikurazzjoni mill-aktar fis possibli.

39.9.15 Cirkulari AKL 2018/149 – Gbir ta’ dettalji ta’ Ex-Membri tal-Kunsill li servew fil-Kunsilli Lokali matul dawn l-ahhar 25 sena. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.16 E-mail minghand il-Malta Consulting Ltd. Fejn jinformana li hemm kors fuq id-dementia. Il-Kunsill innota l-kontenut izda ma intweriex interess.

39.9.17 Email mill-Ministeru ghall-Ghawdex rigward skema ta’ ghajnuna ghall Attivitajiet Kulturali. Il-Kunsill innota l-kontenut u xi kunsilliera jixtiequ li jigi mistoqsi huwiex possibli jigu organizzati xi attivitajiet tal-Karnival.

39.9.18 Cirk AKL 2018/138 – Ftehim Haddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF). Il-Kunsill qabel li il-Kunsill Lokali Fontana mhux ser jidhol f’dan il-ftehim.

39.9.19 Email minghand l-avukat sabiex jinfurmana fuq il-hsarat fis-sala. Il-Kunsill innota l-kontenut u jixtiequ aktar informazzjoni dwar x’passi ghandhom jittiehdu.

39.9.20 Cirk AKL 2018/153 – Minuti tal-laqgha tal-Ezekuttiv Nr. 14. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.21 Email re progett Sort It Out – Tqassim ta' Bins lir-Residenti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.22 Email rigward il-laqgha ghas-Sindki fil-Parlament ta' Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.23 Cirl AKL 2018/154 – Ahbar ta' mewt ex-kunsillier tal-Kunsill Lokali Birzebbuga. Il-Kunsill innota l-kontenut u jixtiequ jghaddu il-kondoljanzi taghhom.

39.9.24 Email rigward laqgha tar-regjun Ghawdex nr. 79. Il-Kunsill innota l-kontenut.

39.9.25 Email minghand FACES sabiex jaghmlu laqgha mall-Kunsill Lokali Fontana. Il-Kunsill innota l-kontenut izda ma humiex interessati li jaghmlu laghqat.

39.9.26 Email minghand id-dipartiment tal-gvern lokali sabiex jinfurmawna li hemm seminar biex jigi diskussi il-problemi li isibu il-kunsilli lokali sabiex jahdmu mal-entitajiet l-ohra nhar il-25 ta' Jannar. Il-Kunsill innota il-kontenut.

39.9.27 Email minghand il-Lifelong learning rigward il-klassijiet tal-patchwork sabiex jergghu jibdew juzaw is-sala tal-komunita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li issir twegiba sabiex is-sala terga' tibda tintuza, peress fuq parir tal-avukat u perit is-sala ma setghetx tintuza' sakemm id-Direttur tal-Mica Med gie biex jara' il-hsara fl-art tas-sala tal-komunita'.

39.9.28 Email minghand l-Onor. Parnis – Kors importanti rigward il-GDPR. Il-Kunsill qabel li tattendi id-Deputat Segretarju Ezekuttiv u isir il-hlas ghall-dan il-kors.

39.9.29 Email minghand AKL rigward laqgha importanti nhar il-14 ta' Jannar fuq il-hlasijiet ta' kontijiet ta' dawl u ilma mill-ufficini tal-Kunsilli lokali. Il-Kunsill qabel li jattendi l-iskrivan tal-Kunsill.

39.9.30 Talba minghand resident sabiex tinstab soluzzjoni ghall-problema ta; parking li ghandhom quddiem l-forn taghhom sabiex ihottu il-materjal. Il-Kunsill qabel li din it-talba tghaddi lil Transport Malta ghas-suggerimenti taghha.

39.9.31 Talba minghand residenta sabiex isiru double-yellow lines quddiem il-propjeta' taghha f'kantuniera. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment jghaddi lil Transport Malta u jinghata il-permess mehtieg li tkun tista' issir.

39.9.32 Talba minghand residenta ghal-sleeping police jew zebra crossing peress li hu ta' periklu meta wiehed jipprova jaqsam it-triq fil-bidu ta' Triq Santa Dminka biex jasal ghal-kappella ta' Pompei. Filwaqt li il-Kunsill qabel li huwa post perikoluz u hemm bzonn li isir xi haga, peress li huwa konfini ta' lokalita' ohra il-Kunsill qabel li jghaddi l-ilment lil din il-lokalita'.

**39.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-7:30p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2019 fis-6.00p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**